**FIL-BORD TA' L-ARBITRAGG DWAR L-ARTIJIET**

**Magistrat Dr Joseph Apap Bologna BA. LL.D.**

**Illum, 18 ta' Frar, 2000**

**Rikors Nru: 28/85**

**Francis Schembri**

**vs**

**Kummissarju tal-Artijiet**

Il-Bord,

Ra r-rikors in ezami li permezz tieghu ir-rikorrenti wara li ippremetta illi b'ittra ufficjali datata 21 ta' Frar 1984 il-Kummissarju ta' l-Artijiet ghal finijiet u l-effetti kollha tal-Att 1 tal-1983 innotifika lill-esponent Francis Schembri b'kopja ta' rizoluzzjoni li tirrigwarda diversi arei ghall-Izvilupp tal-Bini, mill-liema arei in effett l-esponent ghandu bicca art, ossija interess fuq l-istess art;

Illi fil-fatt l-esponent huwa proprjetarju ta' porzjoni diviza mill-ghalqa msejha 'Tac-cens ta' Santa Margherita' kontrada ta' Santa Margherita fil-limiti tal-Mosta ta' kejl ta' tliet itmiem tliet sighan u kejla cirka u tmiss mill-Punent ma' triq mill-Lvant ma' porzjoni ohra diviza tal-istess ghalqa, mill-Majjestral ma' gid tal-Knisja ta' Hal Balzan u dan skond kuntratt ta' divizjoni fl-atti tan-Nutar Dottor Salvatore Abela tat-12 ta' April, 1956 (Dok. 'A') fejn gie konvenut ukoll li l-ilma li jista' jkun hemm tal-Gvern u l-kanen tal-Militar jibqghu ghan-nofs fuq l-ewwel porzjoni u n-nofs l-iehor fuq it-tieni porzjoni proprjeta' tal-esponent; waqt li kull porzjoni tigi soggetta li s-sid tal-porzjoni l-ohra ikun jista' jghaddi minn fuqha bi truck matul is-sena kollha;

Talab li dan il-Bord joghgbu jiddeciedi l-jedd tal-esponent fuq l-art in kwistjoni; jiddeciedi u jistabilixxi l-ammont ta' kumpens li ghalih ghandu l-jedd l-esponent; u jordna u jikkundanna lill-intimat Kummissarju tal-Artijiet ihallas lill-esponent dak il-kumpens li jigi hekk likwidat minn dan il-Bord kif fuq inghad.

Ra d-digriet tal-5 ta' Jannar 1994 li permezz tieghu gew nominati il-Periti Rene' Buttigieg u Joseph Jaccarini bhala membri teknici ta' dan il-Bord (ara fol 32 u 33 tal-process).

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Ra r-relazzjoni peritali sottomessa mill-imsemmija esperti u li tinsab a fol 61 tal-process.

Ikkunsidra:

Illi a) Kif rizultanti a fol 4, 13 u 15 tal-process ir-rikorrenti kien il-proprjetarju tal-art in kwistjoni, murija bl-ahmar u mmarkata bl-ittra 'A' fuq il-pjanta sottomessa minnu a fol 15 tal-process (ara ukoll ir-ricerki esebiti a fol 76 et seq tal-process) b) Ir-rikorrenti issottometta ukoll li fuq l-art in kwistjoni, mehuda mill-Gvern; kellu licenzja li jimmanifattura "cement blocks" (ara fol 43 kif ukoll id-dokumenti annessi minn fol 44 sa 47 ibid) kif ukoll ix-xhieda tal-istess rikorrenti a fol 74 u 75 tal-istess atti). In rigward dan il-punt trid issir referenza ghan-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrenti a fol 49 tal-process fejn gie sottomess li l-art in kwistjoni trid tigi stmata "bhala raba jew moghxa skond il-kaz tenut kont ukoll tal-imsemmija licenzja kif ukoll ghan-nota responsiva tal-Kummissarju tal-Art a fol 54 tal-process. c) Mir-relazzjoni peritali (a fol 61 tal-atti), jidher li gie sottomess illi il-valur gust tal-istess art meta din ittiehdet fil-21 ta' Frar 1984 kien Lm737.

Ghaldaqstant il-Bord jilqa' t-talbiet tar-rikorrenti kif dedotti mill-istess rikors u jistabbilixxi l-ammont ta' kumpens li ghandu jithallas mill-intimat lir-rikorrenti fl-ammont ta' Lm737. Bl-ispejjez kontra l-istess intimat.

Alan Calleja
Dep.Reg. Magistrat